# Manwal ta' Użu għal Servizzi Onlajn -

# Dettalji ta' Kuntatt

Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

Dan il-manwal ġie mfassal mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jgħinek tissottometti applikazzjoni mis-Servizzi Onlajn – Dettalji ta' Kuntatt b'mod korrett u komplet.

Nota: Dan il-manwal ġie miktub għal skop ta' informazzjoni u m'għandux saħħa legali.

## Għal aktar informazzjoni

Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali
38, Triq l-Ordinanza
Il-Belt Valletta VLT 1021

Freephone 153

social.security@gov.mt

www.socialsecurity.gov.mt

Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (EU) 2016/679 (GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586.), aħna għandna d-dmir legali li nirrispettaw u nipproteġu kull informazzjoni personali li aħna niġbru minn għandek u aħna ser insegwu dan id-dmir. Aħna ser nieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex ma nħallux xi aċċess mhux awtorizzat. Aħna ma ngħaddux id-dettalji miġbura minnek bħala viżitatur u/jew utent, lil xi partijiet terzi sakemm ma tagħtiniex il-kunsens biex nagħmlu dan jew kif awtorizzat bil-liġi.

## Istruzzjonijiet Ġenerali

Dan is-servizz huwa intiż għal sidien li għandhom e-ID (awtentikazzjoni mandatorja hija meħtieġa) li tippermetti li d-dettalji tal-kuntatt jiġu aġġornati. Dan jinkludi dettalji aġġornati tal-indirizz (skont il-karta tal-identità), email, in-numru ta' telefown jew in-numru tal-mobajl kif miżmuma mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS). Malli jiddaħħal in-numru tal-mobajl, il-persuna tkun tista' tiddeċiedi jekk tirċevix in-notifikazzjonijiet tal-pagamenti permezz ta' SMS. Għalissa, kull ma jista' jiddaħħal huma numri tal-mobajl lokali. Il-persuna tista' tibdel id-dettalji billi tagħfas il-buttuna "Issejvja". Persuna tkun tista' wkoll tabbanduna d-dettalji billi tagħfas il-buttuna "Ħassar". Il-persuna ser tiġi offruta il-fakultà li tirrifletti t-tibdiliet lill-membri kollha tal-familja kif reġistrati mad-DSS. L-aġġornamenti kollha jiġu ttrattati b'mod awtomatiku meta il-membri kollha reġistrati minn 16-il sena u l-fuq għandhom indirizz fuq l-ID li tikkorrespondi mal-persuna li qegħdha tagħmel it-tibdil fl-indirizz. It-tfal kollha taħt is-16-il sena se jiġu aġġornati u dan anke jekk l-indirizz jaqbel jew ma jaqbilx ma' dak tal-ġenituri. L-eċċezzjonijiet huma ttrattati mill-back-office tad-DSS.

Dan is-servizz huwa wkoll disponibbli għal persuni li huma rreġistrati b'indirizz barrani. Dawn in-nies xorta jistgħu jużaw dan is-servizz permezz tal-kont tal-e-ID. Dawn ikunu jistgħu jibdlu l-indirizz barrani sakemm il-pajjiż ma jiġiex mibdull. Kull tibdil tal-indirizz li jirriżulta f'bidla tal-pajjiż jiġi ttrattat minn back-office sabiex kontrolli amministrattivi neċessarji jistgħu jsiru. Tibdil għal indirizz barrani mhux se jkun estiż għall-membri tal-familja.

Minn dan is-servizz tista' tbiddel id-dettalji ta' kif id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jista' jagħmel kuntatt miegħek. Id-dettalji li tista' tbiddel huma l-indirizz kurrenti li jkun irid jirrifletti l-indirizz skont il-Karta tal-Identità, kif ukoll l-email, in-numru tat-telefown lokali u n-numru tal-mowbajl. Jekk tipprovdi numru tal-mowbajl tkun tista' wkoll tindika jekk tixtieqx tirċievi notifiki permezz tal-SMS. Dan is-servizz jagħtik il-faċilità li tirrifletti t-tibdil tal-indirizz tiegħek u lill-membri tal-familja li jkunu assoċjati miegħek fis-sistema tas-Sigurtà Soċjali, jekk għandek din is-sitwazzjoni xi restrizzjonijiet japplikaw. Jekk int persuna li qeda tgħix barra minn Malta u dan huwa diġà magħruf mad-Dipartiment, int għandek ukoll il-faċilità li tbiddel l-indirizz barrani tiegħek. Minħabba restrizzjonijiet amministrattivi, tibdil minn indirizz Malti għal indirizz barrani u viċi versa ma jistgħux iseħħu minn dan is-servizz.

## Kif Tuża is-Servizzi Onlajn – Dettalji ta' Kuntatt

1. L-aċċess onlajn għal Dettalji ta' Kuntatt hu permezz tal-portal Servizzi Onlajn https://mysocialsecurity.gov.mt. L-ewwel, wieħed irid jagħżel il-lingwa preferuta li hi bil-**Malti** jew bl-**Ingliż**. Taħt it-titlu **Servizzi Onlajn** wieħed irid jagħżel '**Dettalji ta' Kuntatt**'.
2. Malli dan is-servizz jiġi magħfus, il-portal jipprovdi d-Dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u jwassal lill-utent biex jikklikkja fuq l-e-ID.
3. L-utent jiġi meħud lejn il-portal tal-e-ID tal-gvern ħalli jawtentika. Il-buttuna '**IDĦOL**' trid tiġi magħfusa biex tkun tista' tkompli.
4. Meta utent jiġi awtentikat, jiġi milqugħ bil-kliem '**KOMPLI GĦAL FORNITUR TAS-SERVIZZ GĦAS-SIGURTÀ SOĊJALI IL-MITA**' fuq buttuna. L-utent irid jagħfas din il-buttuna jew inkella jrid jistenna xi ftit sekondi sabiex jiġi ridirett awtomatikament.
5. Dettalji ta' Kuntatt jiġu murija. Jekk id-dettalji tal-indirizz hekk kif miżmum mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ma jkunx eżatt bħal dak ta' kif hu fuq il-Karta tal-Identità, l-utent jingħata l-għażla biex jiddeċiedi liema indirizz jinżamm. Id-dettalji tal-**Email**, n-**Numru tat-Telefown lokali** u n-**Numru tal-Mowbajl lokali** jistgħu jinbidlu u jiddaħħlu fil-kaxxi tal-kliem. Notifiki jistgħu jiġu riċevuti billi tikklikkja '**Iva**'. Ladarba t-tibdil jiġi magħmul, il-buttuna '**Issejvja**' tista' tiġi kklikkjata. Ikklikkja il-buttuna 'Ħassar' biex tneħħi kull tibdil.
6. '**Id-dettalji ġew mibdula**' jiġu murija jekk it-tibdil ikun ġie mibdul b'suċċess.

## Istruzzjonijiet Ġenerali

Sabiex taġġorna d-**Dettalji ta' Kuntatt**, jeħtieġ li timla d-dettalji mitluba. Hemm erba' (4) tipi ta' oqsma li huma spjegati fit-tabella segwenti. Id-dettalji mitluba huma elenkati f'paġna 5. Ġaladarba d-dettalji mitluba kollha jkunu ġew mimlija, jeħtieġ li tissottometti l-applikazzjoni billi tikklikkja fuq il-buttuna '**Issejvja**'. Ikklikkja fuq il-buttuna '**Ħassar**' biex tneħħi kull tibdil.

## Dettalji Mitluba

### Dettalji Personali

| Isem tal-Qasam | Tip tal-Qasam | Dettalji |
|---|---|---|
| Indirizz | Kamp tal-Kliem | L-indirizz huwa muri skont dak miżmum mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Jekk dan ma jaqbilx ma' dak tal-Karta tal-Identità, l-utent jintalab biex jagħmel għażla. |
| Email | Kaxxa tal-Kliem | L-email irid jiġi nserit jekk trid li tiġi kkuntattjat permezz ta' email. |
| Numru tat-Telefown | Kaxxa tan-Numri | In-numru tat-telefown jrid jiġi nserit jekk trid li tiġi kkuntattjat permezz ta' numru ta' telefown lokali. |
| Numru tal-Mowbajl | Kaxxa tan-Numri | In-numru tal-mobajl lokali jrid jiġi nserit jekk trid tiġi kkuntattjat permezz ta' mobajl bin-numru lokali. |
| Tixtieq tirċievi notifiki ta' pagamenti b'SMS? | Kaxxa tal-Għażla | Dan il-qasam ikun jidher biss jekk l-utent ikun qed jirċievi l-pagament dirett il-bank (u mhux b'ċekk). Intant, in-numru tal-mobajl lokali jrid jiġi nserit. Dan in-numru jrid ikun wieħed validu għax inkella s-sistema tindikalek żball meta tissejvja. |